GUDJA

Minuti tas-sebgħa u erbgħin laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali għall-Gudja li saret fl-uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar l-Erbgħa 04 ta' Lulju 2012.

Preżenti:

Sindku: John Mary Calleja
Viċi-Sindku: Romeo Baldacchino
Kunsillieri: Osvaldo Pace u Anthony Dalli

Skużat: Kunsillier:- Mark Anthony Sammut

1. Approvazzjoni ta' minuti – 44/6 (30 ta' Mejju 2012)
   45/6 (05 ta' Ġunju 2012)

2. Kommunikazzjonijiet:-
   a. Sindku
   b. Viċi-Sindku
   c. Kunsilliera

3. Rapporti:-
   a. Ilmenti
   b. Ittri li ntbagħatu
   c. Ittri li rċevejna

4. Jum il-Gudja – 15 ta' Lulju

5. Finanzi
   a. Petty Cash;
   b. Skeda ta' pagamenti;
   c. Talbiet għal xiri u xogħlijiet

6. Għeluq tal-laqgħa

Ftuħ tal-laqgħa

Il-laqgħa bdiet fis-6.05p.m. wara talba qasira mis-Sindku u l-Kunsillieri kollha preżenti.

Din il-laqgħa kellha l-bidu tagħha nhar il-Ħamis 28 ta' Ġunju 2012 u għalhekk sejra timxi fuq l-istess agenda kif huwa applikabbli.

## 2.0 Kommunikazzjonijiet

2.2.0 Viċi-Sindku

2.2.1 Is-Sur Baldacchino qal li huwa meħtieġ li fis-soft areas ta' Triq Ħal Tarxien ikun hemm xogħol ta' embellishment sabiex ikun hemm ambjent aħjar.

Il-Kunsill qabel li jitlob il-Perit W. Lewis sabiex jirrelata dwar dak meħtieġ, joħroġ l-istimi u wara li jiddeċiedi l-Kunsill jiġi mqabbad il-kuntrattur CMG Developers Ltd sabiex isir ix-xogħol kif ikun meħtieġ.

2.2.2 Laqgħa mal-GreenPak. Is-Sur Baldacchino informal ill-Kunsill illi sar qbil mal-GreenPak li sejrin jerġgħu jitqassmu l-boroż ħodor b'xejn b'effett mis-16 ta' Lulju 2012 u dan sabiex il-pubbliku jkompli jiġi edukat u nkoraġġut

sabiex jipparteċipa fis-separazzjoni tal-iskart u b'hekk jinkiseb ambjent aħjar.

2.2.3 Dawl mas-siġar fi Ġnien Raymond Caruana. Is-Sur Baldacchino qal li peress li dan il-Ġnien jiġi frekwentat minn ħafna nies jixraq li jiġi mdawwal aħjar u dan jista' issir billi fi tlett siġriet ikollhom dawl aħdar kif jixraq għall-ambjent.

Il-Kunsill qabel li jqabbad il-kuntrattur tal-Kunsill Nexos sabiex jagħmel stima dwar ix-xogħol meħtieġ.

Nb:- F'dan l-istadju s-Sindku stieden ir-rappreżentati taż-żewġ baned fil-Gudja dik tal-Għaqda Mużikali Marija Assunta rapreżentata mis-Sur Dorian Desira u s-Soċjeta Filarmonika La Stella rapreżentata mis-Sur Toni Caruana u s-Sur Clayton Zammit.

Saret diskussjoni dwar kif il-Kunsill jaħdem maż-żewġ baned sabiex ir-residenti tal-Gudja jgawdu mill-kultura tal-baned u dik mużikali. Il-Kunsill qabel li ma jistax jagħti xi donazzjoni u jkun meħtieġ li l-Kunsill jirċievi f'isem ir-residenti servizz li jixraq u li jagħti ġieħ lir-residenti kollha tal-Gudja.

Il-Kunsill u l-Għaqda Muzikali Marija Assunta u s-Soċjeta Filarmonika La Stela qablu li jingħata servizz kif sejjer jingħad:-

| | | |
|---|---|---|
| Jum il-Gudja 2012 (15/07/2012) | Prezz tas-servizz | €400 |
| Kunċert Santa Marija (15/08/2012) - | Prezz tas-servizz | €600 |
| Festi tal-Milied | Prezz tas-servizz | €300 |

Dan il-prezz ta' servizz huwa għal kull banda u għalhekk il-prezz għal Kunsill ikun dak ta' €2600. Il-Kunsill u r-rappreżentanti taż-żewġ baned qablu li dan il-ftehim sejjer jiġi konfermat permezz ta' korrispondenza liż-żewġ baned sejrin jibgħatu lill-Kunsill u li magħha jkun hemm l-invoices rispettivi.

Wara li r-rapreżentati taż-żewġ baned ħarġu mill-kamra tal-Kunsill, is-Sindku stieden lis-Sur Osvaldo Pace sabiex ikompli bil-kommunikazzjoni tiegħu.

2.3.0 Kunsillieri

2.3.1 Osvaldo Pace

a. Wifi fi Ġnien Glormu Cassar. Is-Sur Pace qal li jkun xieraq li jkun hemm WIFI f'dan il-Ġnien. Il-Kunsill qabel li jikseb aktar tagħrif u kwotazzjonijiet skond il-proċedura stabbilita sabiex il-Kunsill jieħu deċiżjoni skond kif ikun meħtieġ.

b. Lapida fi Ġnien il-Ħelsien. Is-Sur Pace qal li din il-lapida kienet waqgħet u jixraq li teġa' titwaħħal f'postha. Kemm is-Sindku kif ukoll il-Viċi-Sindku qalu li qed issir xogħol ta' tiżbiegħ f'dan il-lok u li din il-lapida sejra titwaħħal malli jitlesta x-xogħol.

c. BillBoard bil-Mappa Turistika tal-Gudja. Is-Sur Pace qal li jkun xieraq li issa li dawn il-mapep ġew stampati ikun xieraq li jsiru xi bill boards li juru l-postijiet ta' attrazzjoni turistika ġewwa l-Gudja.

Il-Kunsill qabel li jintalbu l-quotations u li jiġu identifiakti l-postjiet fejn jistgħu jitwaħħlu dawn il-boards.

Il-Kunsill qabel ukoll li l-Kunsill ifittex sponsors sabiex ikopru l-ispejjeż.

2.3.2 Anthony Dalli
a. Railing fit-taraġ żgħir fil-Housing Estate tal-Mitħna. Is-Sur Dalli qal li hemm ħtieġa li jsir dan ir-railing peress li fil-blokk ahemm nies anzjani. Is-Sindku wieġeb li qed jinġabru l-quotations dwar dak meħtieġ.

b. Siġar taċ-ċitru flok l-oleander fi ġnejna quddiem appartamenti fil-Housing Estate tal-Mitħna. Is-Sur Dalli qal li hemm il-ħtieġa li jinqala dan l-oleander u floku jitħawwlu siġar taċ-ċitru kif sar fuq naħa oħra a' dawn l-appartmenti. Il-Viċi-Sindku wieġeb li l-Kunsill qed jiġbor l-quotations dwar ix-xogħol meħtieġ. Huwa mistenni li dan issir fil-ġejjien qarib.

c. Talba ta' Maria Caruana ' Fransman', Triq San Pawl, Il-Gudja sabiex isir yellow line/parking quddiem id-dar. Il-Kunsill ħa konjuzjoni ta' din it-talba u qabel li jinforma lis-Sinjura Maria Caruana li wara ssir ir-resurfaicng ta' din it-triq il-Kunsill jitlob litTM sabiex tikkonsidra t-talba tal-istess Sinjura Maria Caruana kif ikun meħtieġ.

## 3.0 Rapporti

3.1.0 Ilmenti

3.1.1 Dwar l-ilmenti, l-Kunsill ġie infurmat li l-ilmenti qed jiġu konsidrati malli jaslu għand il-Kunsill u dawn l-ilmenti jibqgħu jiġu segwiti kif ikun meħtieġ u li min jagħmel l-ilment jibqa' jiġi nfurmat dwar dan minn żmien għal żmien.

3.2.0 Ittri li ntbagħatu

3.2.1 Il-Kunsill ħa konjuzjoni ta' l-ittri li ntbagħtu mill-Kunsill u qabel li jkompli jsegwi l-progress kif ikun meħtieġ.

3.2.2 Il-Kunsill iddeċieda li jitlob laqgħa ma' TM sabiex ikun jista' jikseb aktar progress dwar it-talbiet tal-Kunsill u l-pendenzi eżistenti.

3.3.0 Ittri li rċevejna

3.3.1 Il-Kunsill ħa konjuzjoni ta' l-ittri li rċevejna mill-Kunsill u qabel li jkompli jsegwi l-progress kif ikun meħtieġ.

3.3.2 Ittra tas-Soċjeta Filarmonika La Stella. 13 il-toqba fil-Bypass Dawret il-Gudja. Il-Kunsill qabel li jitlob lit-TM, lill-MEPA u lill-Enemalta dwar il-permessi meħtieġa u meta jikseb dawn il-permessi ikun jista' jimix kif awtorizzat.

3.3.3 Ittra tas-Soċjeta Filarmonika La Stella – Billboard trejangolari fuq central strip bejn Triq Ħal Tarxien u Triq Ħal Għaxaq. Il-Kunsill qabel li ma għandux oġġezzjoni għal dak mitlub mis-Soċjeta dwar l-attivita tas-07 ta Settembru 2012 u skond kif indikat fl-ittra tal-20 ta' Ġunju 2012.

Il-Kunsill qabel li jitlob lit-TM u lill-MEPA dwar il-permessi meħtieġa u jinforma b'dan lis-Soċjeta sabiex tkun tista' tipproċedi kif ikun meħtieġ.

## 4.0 Jum il-Gudja – 15 ta' Lulju

4.1 Is-Sindku qal li l-programm beda jiġi mwettaq u li kompetizzjoni sparatura dritta ġewwa x-shooting range ta' Ħal Far li ġiet imtella mill-Kunsill Lokali Il-Gudja u l-Gudja United FC kienet suċċess.

4.2 Saret diskussjoni dwar il-preżentazzjoni ta' Jum il-Gudja fil-15 ta' Lulju 2012 fejn il-Kunsill wera x-xewqa li l-preżentatur jew preżentatriċi tkun jew ikun persuna mill-Gudja għaliex b'hekk ikun qed jingħata spazju lill-kulħadd sabiex jippartecipa f'Jum il-Gudja.

Il-Kunsill ġie infurmat li minkejja li diġa saru tentattivi dwar dan ma kienx jidher faċli li tinsab persuna mill-Gudja li tkun tista' tippreżenta u l-istess ħin din l-persuna tkun tista' ukoll toħloq divertiment sabiex tiġbed l-udjenza lejn il-palk ewlieni.

Fi tmiem din id-diskussjoni, l-Kunsillier O Pace għamel kuntatt telefoniku mas-Sinjorina Caroline Galdes li skond il-fehma tal-Kunsill għandha kemm talent u li hija persuna addatta għal dan l-iskop. Is-Sinjorina Galdes aċċettat li tippreżenta għall-15 ta' Lulju 2012 u għalhekk kienet sejra tiġi l-Kunsill sabiex tkun infurmata aktar dwar ix-xogħol tagħha f'Jum il-Gudja il-Ħadd 15 ta' Lulju 2012.

**5.0 Finanzi**

5.1 Petty Cash. Il-Kunsill approva n-nefqa ta' €40.98 għax-xahar ta' Mejju 2012 kif ippreżentat lill-Kunsill

5.2 Skeda ta' pagamenti. L-iskeda tal-pagamenti għax-xahar ta' ~~Marzu~~ Ġunju 2012 għas-somma totali ta' €19733.4~~5~~3 ġie approvata kif ippreżentata wara li ġew imwieġba xi mistoqsijiet dwar xi ammonti murija fl-istess skeda.

5.3.0 Talbiet għal xiri u xogħlijiet.

5.3.1 100 borża asphalt għall-patching. Il-Kunsill qabel li jinxtraw peress li hemm tiswijiet urġenti f'diversi toroq fil-Gudja.

5.3.2 Xogħol ta' konkos fit-trejqa tal-Lampat fil-Gudja. Il-Kunsill qabel li jinxtraw għaxar yardi konkos C20 u jitwittew f'din it-trejqa Tal-Lampat mill-kuntrattur tal-Kunsill CMG Developers iżda li l-prezz kumplessiv kemm għal konkos kif ukoll għax-xogħol tat-twittija ma jaqbiżx l-€50.00 il-jarda.

5.3.3 Tiswijiet fuq sleeping policeman – Triq Bir Mifutħ u Triq Raymond Caruana. Il-Kunsill qabel li jsiru dawn it-tiswijiet u li jiżdiedu l-partijiet nieqsa skond kif ikun meħtieġ.

**6.0 Għeluq tal-laqgħa**

6.1 Il-laqgħa spiċċat fid-8.45p.m. u ġie aġġornata għall 31 ta' Lulju 2012 fids-5.45p.m. fuq Agenda li tiġi ċirkulata aktar il-quddiem.

Joseph M. Formosa
Segretarju Eżekuttiv

John-Mary Calleja
Sindku

Approvati: 31 ta' Lulju, 2012